# It-Twaqqif tal-Għaqda tal-Malti (Università) fil-gazzetti lokali

*Ġużè Cassar Pullicino*

Matul is-sena 1991 l-Għaqda tal-Malti (Università) fakkret għeluq is-sittin sena tal-ħajja u l-ħidma tagħha b'riżq il-Malti. Għalkemm issa ninsabu f'sena oħra, ikun ta' siwi jekk niġbru u ngħaqqdu flimkien trufijiet ta' tagħrif li ġie f'idejna tul sena tiftix, tagħrif li juri kif kien intlaqa' t-twaqqif tal-Għaqda minn xi gazzetti ta' dak iż-żmien u x'kummenti jew suġġerimenti kienu saru li kellhom x'jaqsmu ma' l-iżvilupp tal-Malti fis-snin ta' wara. Nittamaw li b'riħet hekk indawlu xi aspetti li ma konniex nafuhom sewwa, u fejn nistgħu nimlew ukoll il-battâl ikkaġunat mill-fatt li l-minuti sħaħ ta' l-ewwel laqgħat tal-Għaqda ma jinstabux.

## It-Twaqqif – L-Ewwel Laqgħa

Qabel xejn niċċaraw xi punti li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif tal-Għaqda. Nafu li fid-19 ta' Jannar, 1931 Rużar Briffa talab permess biex l-Għaqda tkun tista' tiltaqa' f'waħda mis-swali ta' l-Università. Il-permess kien ingħata fit-22 tax-xahar b'ittra mingħand is-Segretarju ta' l-Università.[1] Mela l-ħsieb li jkun hemm għaqda letterarja ġo l-Università bilfors tnissel f'moħħ Rużar Briffa u Ġużè Bonnici qabel id-19 ta' Jannar, 1931. Ngħidu dan minkejja li tmintax-il sena wara, f'taħdita li għamel nhar l-14 ta' Marzu, 1949 Briffa kien semma' illi l-ħsieb tal-Għaqda Universitarja nibet f'moħħ iż-żewġ studenti fl-aħħar sena tal-Mediċina fl-1931, meta "kien riesaq sewwa l-eżami tal-lawrja u moħħna kien ġmielu għajjien bl-istudju."[2] Jekk niħduh *ad litteram*, dan il-kliem ifisser li ż-żmien kien qrib ix-xahar ta' Mejju jew Ġunju, meta kellhom isiru l-eżamijiet. Iżda ma setax kien hekk, għaliex sa Ġunju l-Għaqda kienet diġà sejħet tliet laqgħat letterarji, u minn Marzu kienet bdiet toħroġ *Leħen il-Malti*. Madankollu, jista' jkun li Briffa u Bonnici ma kenux iħallu għall-aħħar biex jibdew jistudjaw bis-serjetà għall-eżami, u għalhekk għandhom mnejn kienu bdew iħejju ruħhom għall-eżami kmieni, mill-bidu tas-sena, minn Jannar ta' l-1931.

Ninnutaw illi meta Briffa talab il-permess li semmejna, huwa ffirma ismu biss, u mhux bħala President tal-Għaqda. Aktarx, mela, li l-laqgħa tas-26 ta' Jannar, 1931 li għaliha talab il-permess, kellha tkun laqgħa li fiha l-Għaqda tkun imwaqqfa formalment, bi statut regolari u b'kumitat maħtur biex imexxi l-ħidmiet letterarji tagħha. Għandna nifhmu li hekk kien sar, għaliex fl-ewwel numru ta' *Leħen il-Malti*, li ħareġ f'Marzu 1931, hemm stampati sew l-Istatut tal-Għaqda kif ukoll l-ismijiet tal-membri tal-Kumitat, li kienu dawn: President Ros. Briffa; Segretarju Ġużè Bonnici;

Kaxxier A.J. Mamo; Membri Anton Buttigieġ, W.L. Fava u M.L. Sammut.

Dwar l-Istatut, il-verżjoni mgħoddija mil-laqgħa u stampata f'*Leħen il-Malti* kienet ibbażata fuq abbozz imħejji u miktub minn id P.P. Saydon. Fil-ktieb tiegħi *Aquilina u l-Malti* (p.19) jiena ktibt hekk: "Tabilħaqq li Saydon kien laħaq Professur fl-24 ta' Ottubru ta' dik is-sena (1931), iżda milli jidher kien imsieħeb mill-bidu nett fit-twaqqif tal-Għaqda, għax għandi f'idejja l-verżjoni oriġinali, miktuba minnu, ta' l-Istatut tal-Għaqda tal-Malti (Università) li ma taqbilx ma' dak li naqraw stampat fl-ewwwl ħarġa ta' *Leħen il-Malti* f'Marzu 1931". Kont żidt ukoll, f'nota, li bħala kittieba f'*Il-Malti* sew Briffa kif ukoll Bonnici kienu ilhom jafu lil Saydon sa mill-1926 u jista' jkun li huma kienu talbuh jgħinhom fit-tfassil ta' l-Istatut meta ġew biex iwaqqfu l-Għaqda tal-Malti fost l-istudenti f'Jannar ta' l-1931.

Inġibu fl-Appendiċi l-abbozz ta' l-Istatut minn id Saydon. Kif jinqara stampat mill-Għaqda f'Marzu, 1931, għandu ton iżjed moderat minn kif kien fl-oriġinal, u jidher maħsub biex iħaffef it-tmexxija tal-Għaqda billi jsemmi l-quorum għal-Laqgħat tal-Kumitat u l-obbligu ta' l-imseħbin li jħallsu sold fix-xahar. Min-naħa l-oħra, imbagħad, l-Istatut donnu jaħseb biss għall-qari, darba fix-xahar, ta' ħwejjeġ ġodda minn għand il-membri, u ta' bċejjeċ sbieħ ta' kittieba magħrufa. Iħalli barra għal kollox l-aħħar paragrafu fl-abbozz ta' Saydon, i.e. "Il-Għaqda toħroġ ktieb kull xahar bl-isem ta' *Leħen il-Malti* u, jekk tkun tista', kotba oħra għat-tagħlim tal-Malti." Madankollu, l-Għaqda xorta waħda wettqet dan il-ħsieb, bil-ħruġ ta' rivista li ssemmiet sewwa sew *Leħen il-Malti*, li kellha sservi wkoll, kif stqarrew iż-żewġ diretturi Briffa u Bonnici fit-tieni numru, biex mill-qligħ li jibqa' mill-bejgħ "kultant il-Għaqda tagħna tistampa xi ktieb ta' xi wieħed minn sħabna."

Fadal insemmu xi ħaġa dwar l-ewwel laqgħa tal-Għaqda. Fl-aħħar faċċata ta' l-ewwel ħarġa ta' *Leħen il-Malti* naqraw li fl-ewwel laqgħa tal-Għaqda kienu nqraw poeżiji u kitbiet oħra minn Dun Karm u oħrajn. Imma fil-fatt, kif għad nuru f'dan l-istudju, din il-laqgħa kienet saret fil-11 ta' Frar, 1931, u għedna diġà li kien hemm laqgħa oħra qabilha, fis-26 ta' Jannar, li fiha ma kenux inqraw kitbiet imma fil-fehma tagħna kien mgħoddi l-Istatut u nħatru wkoll il-membri tal-Kumitat.

Dwar din il-laqgħa, li fiha l-Għaqda kienet twaqqfet formalment, naqraw dan li ġej fil-ħarġa tal-gazzetta *Il-Progress* tat-3 ta Frar, 1931:

"Fil-jum ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Jannar, ġewwa l-*Aula Magna* ta' l-Università saret l-ewwel laqgħa ta' xirka ġdida msejħa "Għaqda tal-Malti".

"Din l-Għaqda ġiet imwaqqfa mis-Sur Ros. Briffa, Ph.C., B.Sc, li bil-ħeġġa u t-tħabrik tiegħu rnexxielu jiġbor flimkien l-istudenti ta' l-Università li jieħdu interess fl-ilsien Malti. B'dan il-mod ix-Xirka tħeġġeġ mhux biss lill-istudenti dwar it-tagħlim ta' l-ilsien Malti, iżda wkoll tgħin lill-istess studenti sabiex quddiem l-istess professuri tagħhom u l-istudenti sħabhom jaqraw il-kompożizzjonijiet li huma jkunu kitbu.

Skond ma ntgħad, hemm il-ħsieb illi minn din l-Għaqda jiġi maħruġ xi ktejjeb bil-Malti".

Madankollu, l-Għaqda stess, u l-ġurnali, bdew iqisu bħala l-'ewwel' laqgħa dik li saret, fl-*Aula Magna* wkoll, nhar il-11 ta' Frar, 1931 li fiha bdiet il-ħidma ta' qari ta' kitbiet letterarji. Indirettament, l-għażla bejn dawn iż-żewġ laqgħat toħroġ ukoll minn dak li nkiteb f'xi ġurnali. Ngħidu aħna, *Id-Dawl* tat-12 ta' Marzu, 1931 semma "l-ewwel laqgħa" tal-11 ta' Frar u qal li "fetaħ il-laqgħa s-Sur Rużar Briffa, fondatur u l-ewwel President ta' din il-Għaqda". Jiġifieri Briffa, u bħalu l-membri l-oħra tal-Kumitat, kienu diġà ġew maħturin f'laqgħa oħra li saret qabel.

## Iċ-Ċirkolari ta' Ġużè Bonnici

Imma nieqfu daqsxejn u naraw sewwa x'kien qed jiġri. Sa dakinhar tal-laqgħa tas-26 ta' Jannar, 1931 l-Għaqda tista' tgħid li ħadd ma kien għadu sema' biha. Għalhekk l-Għaqda ħadet ħsieb biex mill-aktar fis tgħarraf lill-pubbliku bit-twaqqif tagħha. Ġużè Bonnici bħala Segretarju bagħat ċirkolari lill-gazzetti kollha, sew dawk bil-Malti kemm oħrajn li kienu joħorġu bl-Ingliż jew bit-Taljan. Iċ-ċirkolari bil-Malti kienet tgħid hekk:

L-Università
2 ta' Frar, 1931.

Sur Editur,

Nixtieq ngħarrfek li waqqafna Għaqda ġdida li tkun kulturali biss u li taħdem biex ixxerred u tkabbar il-Letteratura Maltija u li, bil-permess ta' l-Awtorità ta' l-Università, tista' żżomm il-laqgħat tagħha fl-Università.

F'din il-Għaqda jistgħu jidħlu bħala membri l-professjonisti u l-istudenti ta' l-Università.

Dawk kollha li jixtiequ jissieħbu huma mitluba li jiktbu lis-Segretarju.

Għoddni dejjem tiegħek,
Ġużè Bonnici
Segretarju.

Xi gazzetti ġiebu ċ-ċirkolaru sħiħa, jew kważi kelma b'kelma, waqt li oħrajn ġabruha fil-qosor fil-kolonna ta' l-avviżi lokali. Dawk li ġiebu l-avviż sħiħ kienu: *Il-Ħmara* (7 ta' Frar, 1931), il-*Malta Herald* (2 ta' Frar, 1931), *The Mid-Day Views* (4 ta' Frar, 1931), il-*Malta Chronicle* (4 ta' Frar, 1931), u l-*Malta* (4 ta' Frar, 1931). *Il-Kotra* (5 ta' Frar, 1931) semmiet l-Għaqda l-ġdida ma' l-avviżi, taħt ir-ras "Għaqda tal-Malti". *Leħen is-Sewwa* tas-7 ta' Frar, taħt "Aħbarijiet ta' Malta" feraħ lill-istudenti "talli waqqfu soċjetà taħt l-isem ta' "Għaqda tal-Malti" bil-ħsieb sabiħ li tħeġġeġ l-istudju tal-Lsien Malti". Id-*Dr. Xekkek* ta' l-14 ta' Frar, 1931, taħt ir-ras "Il-Malti", wieħed li ffirma "Malti Safi" ġieb xi kummenti marbutin ma' l-oppożizzjoni li kien

hemm dak iż-żmien għad-dħul tal-Malti fil-Qrati: "Il-maħbub Ilsien Malti qiegħed jikber u jogħla bis-sigħat. Il-Għaqda tal-Malti li twaqqfet fl-Università bejn il-professjonisti u l-istudenti tagħtina l-akbar speranza li l-Malti għad jieħu l-post li jixraqlu. Nikkonsiljaw lil dawk l-avukati li rrifjutaw li jiddefendu kawżi bil-Malti jiftħu għajnejhom u jċarrtu minn quddiemhom il-maskra tal-fanatiżmu li wirtu minn għand il-bużnanniet tagħhom".

Dawn li semmejna s'issa kienu aktarx avviżi sempliċi jew rapporti fil-qosor: kummenti editorjali fit-tul naqrawhom f'żewġ gazzetti oħra – fil-*Malta Herald* tat-3 ta' Frar, 1931 u fil-*Malta Chronicle and Imperial Services Gazette* tad-9 ta' Marzu, 1931.

## L-Editorjal tal-*Malta Herald*

Wara li għarraf il-qarrejja bit-twaqqif tal-Għaqda, il-*Malta Herald* taħt ir-ras "Development of Maltese Literature" fisser dan l-iżvilupp fil-kwadru tal-progress li kien sar ftit taż-żmien qabel:

"... There has lately been a general revival as regards the use of our native tongue. A law has been enacted authorising the use of Maltese in judicial proceedings, both criminal and civil; while another law has made it obligatory on the part of notaries to receive acts and last wills in that language, whenever a request to that effect is made by interested parties. These two measures have been passed by the Legislature, and therefore may be considered as representing the will of the people".

L-editorjal imbagħad semma li dawn il-miżuri, bħal kull riforma oħra radikali, sabu min opponiehom bis-sħiħ għall-ewwel; imma biż-żmien is-siwi tagħhom beda jingħaraf, l-iżjed bħala mezz ta' komunikazzjoni bejn l-emigranti u l-familji tagħhom:

"... It could not reasonably be expected that so radical a measure should not meet with opposition which has been manifesting itself. But all important measures are at the beginning obstructed and hindered in their development. It is only in the long run that their justness begins to be realised as amongst all sections of the community. When the Government started teaching Maltese in the elementary schools, its policy met with serious obstruction. Time, however, has shown that the thousands of emigrants who have left the island have found it very convenient to communicate with their families from abroad in their native tongue".

Dwar it-twaqqif tal-Għaqda fost l-istudenti l-editorjal, waqt li bla tlaqliq qal li kull ċittadin b'moħħu miftuħ għandu jgħinha u jinkoraġġiha, issuġġerixxa li kotba ta' fejda, miktubin minn irjus kbar, u b'liema lsien ikun, għandhom jiġu maqlubin għall-Malti, u biex jintlaħaq dan il-għan il-Gvern irid jgħin jekk tabilħaqq irid iġib 'il quddiem l-iżvilupp tal-Letteratura Maltija:

"... The society to which we refer above and the constitution of which was announced in our issue of yesterday, deserves the support of all open-minded citizens.

But what is necessary is that admittedly sound books in other languages, be they written in English, Italian, French or any other tongue, be translated in Maltese. Whenever a good book is published, in modern times it is simultaneously published in several countries, for literature knows no bounds and no frontiers. The masses can best be educated and their spirits can best be raised by having access to the great treasures which masterminds have produced. A book dealing with philosophy plainly put is indispensable. Such book may be either written originally by some local authority or translated from other languages. History has always been and will continue to be the leading light in the progress of the world, for it shows past errors, present misdeeds, and future prospects. The history of England, of the great Roman Empire, and of the French Revolution, written in the Maltese language, would greatly tend to raise the standard of the population. These books should take the place of the penny dreadfuls which are unfortunately circulated on a large scale in Malta and elsewhere. We admit that individuals cannot undertake such an enterprise unless they are subsidised by the Government; and, if the Government is really anxious to encourage the development of Maltese literature, it should at present set aside the production of books in the Government Printing Press, the utility of which is doubtful, and to undertake the publication of books on the lines stated above".

## L-Editorjal tal-*Malta Chronicle*

Il-*Malta Chronicle* uriet il-fehmiet tagħha f'kolonna u nofs tal-ħarġa tat-Tnejn, 9 ta' Marzu, 1931, wara li ftit ta' ġranet qabel kienet avżat li kellha ssir laqgħa tal-Għaqda fl-*Auberge d'Italie*, fejn dak iż-żmien kien hemm il-Mużew Nazzjonali, u wara li, fil-ħarġa tas-6 ta' Marzu, ġiebet reżokont tal-laqgħa li kienet saret fl-*Aula Magna* ta' l-Università, il-Belt, nhar il-11 ta' Frar, 1931. Taħt ir-ras "The University and the Maltese Language", l-editorjal ifaħħar il-ħsieb tal-Għaqda li ġġib 'il quddiem il-letteratura Maltija u jilmenta li fil-biċċa l-kbira l-attitudini ġenerali hawn Malta kienet waħda ta' indifferenza, jew inkella ta' disprezz lejn l-ilsien nazzjonali:

"The object of the *Għaqda tal-Malti* is one which appeals to us very strongly: which, indeed, must appeal to all who are Maltese in more than mere name. It aims at fostering the study and the production of literature in the mother tongue of the Maltese people. The study of Maltese would appear to be a matter of course in these islands. The national tongue would naturally be expected to take precedence over all others. Unfortunately this is not the case. Taken all round, the Maltese language is like the prophet who is not without honour except in his own country. This is one of the most glaring anomalies which Malta affords to the observer. The general attitude in Malta towards the national language is a mixture of contempt and indifference. Hence we have invariably welcomed any movement tending to improve the status of and to arouse interest in the Maltese language. Particularly have we advocated the stabilisation of the Maltese orthography, a lack which has contributed very largely to the backward state of our national literature. We have pointed out that foreign students

manifest an interest in and an enthusiasm for our mother tongue which both puts us to shame and discredits the general attitude of indifference and contempt with which Maltese is regarded in its native place".

Inkomplu naqraw illi, għalkemm kien hawn min irsista biex il-Malti jieħu l-post li jixraqlu, qatt ma kien hawn moviment tassew nazzjonali biex dan iseħħ, u donnu li lanqas l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" ma kien qed jirnexxilha timxi 'l quddiem biex tilħaq l-għanijiet sbieħ tagħha. Għalhekk it-twaqqif tal-Għaqda fl-Università kellu tifsira speċjali bħala t-twelid ta' moviment li għandu jwassal biex ilsienna jieħu postu fil-ħajja nazzjonali:

"Maltese has, it is true, never lacked the advocacy of individual patriots and enthusiasts, but there has never been a concerted national movement to place the language on the topmost place pinnacle which is its birthright. Even the *Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* has somehow failed to make the headway which its aims deserve.

We place great hopes in the new undertaking which has originated in the University – the most promising, as well as the most appropriate, birthplace of a movement to give to the national language its due status in the national life. Not long ago we expressed the wish that the University would awake to its duties and responsibilities as the natural source for national cultural activities. It is the University which possesses the power to infuse life and development into the literature of the Maltese language. University tulelage is the one sure method of imparting dignity and repute to a movement which has too often met with derision or, what is worse, utter lack of interest".

Għalissa, ikompli jgħid l-editorjal, l-Għaqda tal-Malti (Università) kienet għadha żgħira, imma ġo fiha kellha żerriegħa ta' ħwejjeġ kbar, u l-istudenti għamlu sewwa li fl-ewwel laqgħa kienu stiednu biex jippresiedi lil Dun Karm – studjuż, poeta u prożatur li, iżjed minn kulħadd, kien ta prova tal-ġmiel, tas-siwi u tad-dinjità ta' lsienna u li bl-influwenza tiegħu seta' jkun ta' ispirazzjoni biex l-Għaqda tgħaddi 'l quddiem u tkompli tiżviluppa fl-Università:

"Great oaks from little acorns grow. The *Għaqda tal-Malti* of the University is so far a movement on a small scale, but it shows unmistakable signs of being anything but a mere flash in the pan. Its members are enthusiasts and they display a gratifying amount of energy and foresight. They could not, for instance, have made a wiser move than their choice of Monsignor Psaila as chairman. Here we have a scholar, poet and prose-writer of the Maltese language, who has done more than anyone else to prove the beauty, the practical utility and the dignity of our mother tongue. His influence and guidance, his enthusiasm and his literary talents should more than anything else ensure the progress and development of the *Għaqda tal-Malti* of the University".

Fl-entużjażmu tiegħu, il-kittieb ta' l-editorjal reġa' tanbar fuq ħaġa li semma iżjed minn darba – it-twaqqif ta' Professorat tal-Malti fl-Università:

"As we have stated on more than one occasion, the great goal to be aimed at is the establishment of a Chair of Maltese in the University. We do not even claim that this step should be taken all at once. It could be brought about gradually. Thus, at first an examination in Maltese could be included in the Matriculation syllabus, thus fostering the study of Maltese in schools and colleges. With the passage of time, the setting and raising of standards would naturally lead to the establishment of a special Chair of Maltese in the University. Our University is notoriously conservative, as are most Universities, but it would be hard indeed if in time the national tongue would not obtain an official footing in the cultural centre of the island".

L-aħħar kummenti editorjali kellhom x'jaqsmu ma' l-ortografija – li messu l-Gvern jiddeċiedi liema sistema għandha tintuża sew fil-gazzetti kif ukoll mill-kittieba kollha tal-Malti – u ma' l-istatus uffiċjali tal-Għaqda fl-Università – suġġett li ftit snin wara safa ta' twegħir serju. Il-kittieb kien favur l-ortografija li dik il-ħabta kienet tintuża fil-ġurnal *Leħen is-Sewwa* u li ftit kienet titbiegħed minn dik ta' l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

"So far the *Għaqda tal-Malti* is an unofficial activity conducted by the students of the University on their own initiative. It is certain, however, that with its growth in numbers and in influence it will ultimately have to receive official cognisance. If this is achieved, more than half the battle will have been won.

We cannot conclude this article without once again referring to the necessity of an official decision by the authorities upon a standard orthography, and the general acceptance thereof by the vernacular press and by all writers of Maltese. Without in any degree desiring to enter upon a discussion of the merits of the various systems in use, we will at least venture to say that a very satisfying result seems to have been attained by the ecclesiastical publication *Leħen is-Sewwa* with the system of orthography it uses. Without being pedantic it is dignified and reputable; and, above all, simple. It is a very slightly modified form of the system of the *Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.* However, whatever system is decided upon as the standard, national system, there is no disputing the necessity of a decision. We once again refer the matter to the consideration of the Government".

## Kif intlaqa' *Leħen il-Malti*

Mat-twaqqif tagħha f'Jannar ta' l-1931 l-Għaqda fettxet tlesti biex tibda toħroġ *Leħen il-Malti*, li fil-fatt deher stampat f'Marzu ta' dik is-sena. Il-ħruġ tar-rivista ntlaqa' tajjeb; iż-żewġ diretturi semmew l-editorjal tat-tieni numru "Bdejna Tajjeb", u qalu li "il-ġurnali għollewna sas-seba' sema". Fil-ħarġa tal-gazzetta *Il-Kotra* tat-9 t'April, naqraw dan li ġej:

"Irċevejna *Leħen il-Malti* li ħarġet l-Għaqda tal-Malti (Università). Prosit tassew: dawn l-istudenti li ġiethom din l-idea ħaqqhom it-tifħir tal-poplu Malti kollu,

u isimhom ikun imniżżel ma' dawk il-patrijotti kollha li jridu jaraw lill-għażiża Malta bħala Nazzjon. Prosit!"

Mal-ħruġ ta' numri oħra ta' *Leħen il-Malti* matul l-1931, il-gazzetta *Il-Progress* uriet l-apprezzament sħiħ tal-ħidma letterarja mwettqa mill-Għaqda ta' l-istudenti. Is-siltiet li ġejjin jinqraw taħt ir-ras *Leħen il-Malti* f'ħarġiet differenti ta' *Il-Progress*:

5 ta' Mejju, 1931 – "Waslilna t-tieni għadd tal-ktieb (sic) *Leħen il-Malti* li qiegħda toħroġ l--Għaqda tal-Malti (Università). Dan il-ktieb huwa ta' tagħlim għal kull Malti li jgħożż l-ilsien ta' pajjiżu. Huwa mżejjen b'rakkonti fil-qosor u b'xi poeżijiet – kollox sabiħ. Prosit minn qalbna lill-Għaqda tal-Malti u filwaqt li nroddulhom ħajr għall-kopji li għoġobhom jibgħatulna nixtequlhom suċċess akbar milli s'issa kellhom".

11 t'Awissu, 1931 – "Inroddu ħajr minn qalbna lill-Għaqda tal-Malti (Università) għall-ħames għadd tal-ktejjeb *Leħen il-Malti* li din l-Għaqda qiegħda toħroġ b'fejda kbira tal-qarrejja tal-Malti. Barra milli huwa xieraq li wieħed jinkoraġġixxi kemm jista' lil din l-Għaqda, hija wkoll ħaġa sabiħa ħafna li ħadd ma jibqa' mingħajr ma jixtri dawn il-kotba tal-Għaqda tal-Malti li minnhom ikun jista' jifforma ktieb bi tfakkira ta' l-iżvilupp ta' l-ilsien Malti".

20 t'Ottubru, 1931 – "Waslilna l-għadd speċjali tal-ktejjeb *Leħen il-Malti* li mill-Għaqda tal-Malti ġie maħruġ speċjali għax-xahar ta' Settembru. Il-għadd ta' dan il-ktejjeb huwa tassew ta' min jakkwistah għaliex jgħaddi lil dawk kollha li ħarġu qablu billi fih jinsabu bċejjeċ ta' poeżiji bl-ilsien Malti minn kittieba Maltin ta' l-imgħoddi. Irroddu ħajr lil min bagħtilna dan il-ktejjeb, u nagħtu prosit lill-Għaqda tal-Malti (Università) filwaqt li minn qiegħ qalbna nixtiqulha li tkompli tghaddi 'l quddiem".

## L-Ewwel Erba' Laqgħat Letterarji

Skond l-Istatut tagħha, l-Għaqda kellha tibda tiltaqa' "għall-inqas darba fix-xahar" bil-ħsieb li "f'dawn il-laqgħat jinqraw ħwejjeġ ġodda minn membri ta' din il-Għaqda u bċejjeċ sbieħ ta' kittieba magħrufa tal-Malti". Fl-ewwel ħarġiet ta' *Leħen il-Malti* nsibu tagħrif fuq fuq dwar il-kitbiet li nqraw f'dawk l-ewwel laqgħat, imma ftit li xejn insibu dwar l-atmosfera tal-laqgħat, id-dati tagħhom u fejn saru, u liema persunalitajiet ġodda kienu ġew mistiedna ghalihom. Għal dan in-nuqqas għamlu tajjeb, safejn għandhom x'jaqsmu erba' minn dawn il-laqgħat, erba' ittri mimlijin ħajja b'tagħrif interessanti, iffirmati "Whippet". Minn dawn l-ittri, li dehru fil-*Malta Chronicle* tas-6 ta' Marzu, 20 t'April, 18 ta' Mejju u 25 t'Awissu, 1931, insiru nafu li

(a) l-ewwel laqgħa saret nhar l-Erbgħa, 11 ta' Frar, 1931 *fl-Aula Magna* ta' l-Università, u fiha ippresieda Mons. Dun Karm Psaila;

(b) it-tieni laqgħa, li kellha ssir nhar it-Tnejn, 9 ta' Marzu fl-*Auberge d'Italie* (Il-Mużew) taħt il-presidenza ta' Sir Temi Zammit, saret, minflok, iżjed minn xahar wara l-ewwel waħda, fis-16 t'April, 1931 fil-Librerija l-qadima ta' l-Università, u ma jidhirx li Temi Zammit kien mar;

(ċ) it-tielet laqgħa saret ukoll fil-Librerija f'Mejju, f'liema ġurnata sew ma nafux iżda aktarx qrib it-13 tax-xahar; bdiet fl-4.10 p.m. u kien ippresieda l-Prof. P.P. Saydon; waqt li

(d) fir-raba' laqgħa, li saret għall-ħabta tat-tielet ġimgħa t'Awissu, ippresidew flimkien il-Prof. Saydon u s-Sur Nin Cremona. F'din il-laqgħa, bejn li dak iż-żmien l-istudenti kienu bil-vaganzi, kif ukoll minħabba s-sħana u l-ħruġ tar-riżultati ta' l-eżamijiet ta' Lulju, l-attendenza kienet fqira. Il-laqgħa ta' Ġunju ma kinetx saret għax kienu bdew l-eżamijiet.

Fir-raba' laqgħa Cremona kien qara l-istudju tiegħu "Tifkiriet Ewlenija ta' Tqabbil bil-Malti" li l-Għaqda mbagħad ħarġet fin-Numru 7 ta' *Leħen il-Malti* f'Settembru, 1931, waqt li Saydon qara l-kitba "Il-Għala lill-Maltin San Luqa sejħilhom Barbari?" li wkoll dehret f'*Leħen il-Malti* t'Awissu, 1931.

Wara r-rapport tar-raba' laqgħa ma ltqajna ma' ebda ieħor mill-pinna ta' "Whippet". Min kien "Whippet"? Ħabbilna wisq moħħna, iżda ma rnexxilniex insiru nafu sewwa. L-iżjed li nazzardaw ngħidu hu li "Whippet" seta' kien Rużar Briffa li ftit wara kien iddimetta minn President ta' l-Għaqda f'Ottubru, 1931 biex ikun jista' jsiefer, u floku ġie maħtur P.P. Saydon. Briffa, li kien ingħata l-"Aubrey Strachen Travelling Scholarship", dam Londra minn Ottubru, 1931 sa Marzu, 1932.[6]

Hawnhekk infakkru fit-tagħrif interessanti dwar Dun Karm, li kien ippresieda fil-laqgħa tal-11 ta' Frar, 1931. Rużar Briffa introduċieh lill-udjenza ta' madwar 40 membru, fosthom xi gradwati. Dun Karm irringrazzja lill-President, Rużar Briffa, u faħħar l-ispirtu nobbli ta l-istudenti li qanqalhom biex iwaqqfu l-Għaqda bil-għan li jxerrdu l-letteratura Maltija ġo l-Università u barra minnha. Meta qara l-poeżija tiegħu "Warda li tgħid ġrajjietha" kien hemm ċapċip kbir. U mbagħad Dun Karm kien mitlub jaqra poeżija oħra tiegħu, poeżija li kien bagħat lill-Għaqda f'laqgħa oħra, informali, li kienet saret qabel, i.e. dik tas-26 ta' Jannar, 1931. Fiha l-poeta jsaqsi lill-qarrej għaliex għandu jarmi l-ilsien tiegħu, li bih semma' l-ewwel bikja, biex jinqeda b'ilsna oħra. Dun Karm laqa' t-talba li saritlu u qralhom il-poeżija, li llum nafuha bl-isem "Għaliex? Jedd l-Ilsien Malti". Dan it-tagħrif importanti jixħet dawl fuq is-sena li fiha Dun Karm kiteb dawn il-versi tabilħaqq nobbli u patrijottiċi.

Ħaġ'oħra li ma konniex nafu biha hija li għal-laqgħa tas-16 ta' April, 1931 mar is-Sur Arturo Mifsud, P.L., bniedem li bl-inizjattiva tiegħu l-Gvern kien qata' li jistampa t-*Tagħrif dwar il-Kitba Maltija* fl-1924.[7] F'dik il-laqgħa Mifsud qam jitkellem u faħħar lill-udjenza għall-apprezzament li wriet u fisser li kien baqa' mistagħġeb bil-

livell għoli tal-proża u l-poeżija li kienu nqraw. Semma wkoll l-importanza ta' laqgħat bħal dik u l-ġid li jista' jkollhom b'riżq il-letteratura tagħna.

## Sfond Soċjo-Politiku

Inżidu xi kummenti biex ninkwadraw aħjar it-twaqqif tal-Għaqda fuq l-isfond tal-qagħda politiko-kulturali tal-gżira. Ninnutaw l-enfasi fiċ-ċirkolari ta' Ġużè Bonnici li l-Għaqda kellha tkun "kulturali biss"; jiġifieri ma kellhiex tkun politika. Għażżmien li kien, fi Frar, 1931, stqarrija bħal dik kienet maħsuba biex is-Soċjetà l-ġdida tintlaqa' mingħajr suspetti ta' xi għanijiet ulterjuri. Ma ninsewx li ftit qabel, minħabba l-kriżi politika li kienet inqalgħet, f'Ġunju ta' l-1930 kienet ġiet sospiża l-Kostituzzjoni. Xahrejn wara t-twaqqif tal-Għaqda, f'April 1931 inħatret Kummissjoni Rjali li ġiet Malta u, wara stħarriġ fit-tul u fil-fond, kienet ressqet ir-Rapport tagħha fid-29 ta' Jannar, 1932. Fuq il-parir tagħha, l-Ingilterra reġgħet tatna l-Kostituzzjoni u f'Ġunju, 1932, wara l-elezzjoni li saret, kien ħa l-poter Gvern Nazzjonalista. Il-Kostituzzjoni reġgħet ġiet sospiża f'Novembru ta' l-1933 u l-Gvernatur ħa f'idejh l-amministrazzjoni kollha tal-pajjiż.[8]

L-Għaqda, mela, kienet twaqqfet fi żmien ta' mistennija u, sa ċertu pont, fi klima politika relativament kwieta. Iżda m'għandniex għax naħsbu li, tul is-sospensjoni tal-Kostituzzjoni wara Ġunju, 1930 il-gazzetti kienu baqgħu siekta dwar il-kwistjoni tal-lingwa li kienet waħda mill-kwistjonijiet li l-Kummissjoni Rjali kellha tistħarreġ. Fil-ġurnali ta' Malta kienu baqgħu jidhru bosta artikli u editorjali li kellhom x'jaqsmu sew ma' l-aspett ġenerali tal-kwistjoni kif ukoll direttament mal-Malti mill-aspett lingwistiku. Fost l-artikli li nkitbu b'serjetà u bi skop kostruttiv jew bi tħejjija soda kien hemm x'uħud li tkellmu dwar it-tfassil ta' sistema ta' stenografija għall-ilsien Malti, ngħidu aħna reċensjoni ta' ktieb ta' Alf. Nicholas "Maltese Shorthand" (*Malta Chronicle* tal-31 t'Ottubru, 1930), artiklu ta' P.P. Decesare "Government Shorthand Writers for Maltese" (*ibid.*, 3 ta' Novembru, 1930, p.4) u ieħor ta' George Ransley "Maltese Stenography: Rival Systems" (*ibid.*, 18 ta' Novembru, 1930, p.15). Dehret ukoll sensiela ta' bosta artikli ta' l-avukat Ġużè Micallef bl-isem "L'Elemento Neo-Latino nel lessico maltese, ossia l'origine romanza della nostra civiltà" fil-*Malta* (f'ħarġiet differenti bejn it-13 ta' Novembru, 1930 u l-4 ta' Marzu, 1931). Fil-*Malta* wkoll (31 ta' Marzu, 1931) deher studju ta' Clo. Sgroi "Per lo studio del dialetto siculo-maltese", waqt li fil-*Malta Chronicle* tat-28 t'April, 1931, p.6) Dr Adrian Dingli, iben Sir Adrian, kiteb dwar "Languages in Malta". Jumejn wara, l-editorjal ta' l-istess ġurnal tkellem dwar "Dr A. Dingli and the Language Question: An interview with Sir Augustus Bartolo". Fil-*Malta Chronicle* ukoll (ħarġa tad-16 ta' Ġunju, 1931, p.13) jinqara tagħrif interessanti minn Ernst Kunstler, "German Interest in the Maltese Language: Philological Essays of a Century Ago".

L-aħħar kumment tagħna għandu x'jaqsam ma' l-istqarrija l-oħra fiċ-ċirkolari

ta' Ġużè Bonnici, li bil-permess ta' l-Awtorità ta' l-Università l-Għaqda "tkun tista' żżomm il-laqgħat tagħha fl-Università". Din l-istqarrija llum tieħu tifsira speċjali fis-sens li, kieku l-Għaqda ma twaqqfetx meta l-Kostituzzjoni kienet għadha sospiża, aktarx li l-Għaqda ma kenitx tingħata dak il-permess mill-Awtorità ta' l-Università. Naslu biex ngħidu hekk fid-dawl ta' dak li ġara tassew ftit xhur wara, meta bejn l-1932 u l-1933 l-Għaqda sfat imkeċċija mill-Università u kellha tħabbat bibien oħra biex tissokta l-ħidma tagħha letterarja. Imma dik storja oħra li dwarha nkiteb diġà.[9]

1. Ara *Leħen il-Malti*, Nru. 1, Marzu 1931, p.11.
2. O. Friggieri, *Il-Ħajja ta' Rużar Briffa*, Kastilja, It-Taqsima tat-Tagħrif, 1984, p.27.
3. *Leħen il-Malti*, Nru. 2, April 1931, p.6.
4. *Ibid.*, p.1.
5. Dwar din il-laqgħa naqraw dan li ġej f'*Id-Dawl* tat-12 ta' Marzu, 1931: "... Fetaħ il-laqgħa s-Sur Rużar Briffa, fundatur u l-ewwel President ta' din il-Għaqda. Introduċa lil Mons. Psaila li kien mistieden biex jaqra poeżija miktuba minnu "Warda li tgħid Ġrajjietha". Mons. Psaila radd ħajr lill-President, faħħar ħafna lill-Għaqda talli ser tieħu f'idejha l-Malti bi skop biss letterarju u ser tibqa' mbiegħda mill-politika. Imbagħad qara l-poeżija tiegħu li ntgħoġbot wisq ...". Għal apprezzament u fehmiet iżjed fit-tul ta' Dun Karm dwar it-twaqqif tal-Għaqda u l-wegħda li ma tindaħalx fil-politika ara l-editorjal ta' *Il-Malti* ta' Marzu, 1931 u l-kummenti ta' O. Friggieri, *op. cit.*, pp.30-31.
6. Ara *Leħen il-Malti*, Nru. 8, Ottubru 1931, p.12, kif ukoll O. Friggieri, *op. cit.*, p.39.
7. Għal dettalji dwar id-dibattitu fl-Assemblea Leġislattiva fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 1923 fuq il-Mozzjoni mressqa mis-Sur Arturo Mifsud sabiex il-Gvern jagħti sussidju ta' £30 biex l-Għaqda tippubblika t-*Tagħrif*, li mbagħad ġiet irtirata wara li l-Gvern ta l-assigurazzjoni tiegħu li t-*Tagħrif* ikun stampat b'xejn fl-Istamperija tal-Gvern, ara *Official Reports of the Debates of the Legislative Assembly of Malta*, Third Session – First Legislature, Vol. 6, Part I, 1925, pp.184-190.
8. Sir Harold MacMichael, *Malta: Report of Constitutional Commissioner*, London, H.M.S.O., 1947, pp.6-8.
9. Ara P.P. Saydon, "Wara Għaxar Snin", *Leħen il-Malti*, Għadd 121-122, Marzu-April 1941, pp.1-4. Ara wkoll Ġ. Cassar Pullicino, *Aquilina u l-Malti*, K.K.M., 1974, pp.23-28.


# Issieħeb fl-Għaqda tal-Malti (Università)

- L-Għaqda tippubblika Leħen il-Malti b'xogħlijiet ta' l-imseħbin, tniedi korsijiet u laqgħat letterarji u qed ixxandar programm fuq Radju Malta Nazzjonali (M.W.) bl-isem "MIRJA".
- Ikteb lis-Segretarju, Joseph Borg, L-Għaqda tal-Malti (Università), Id-Dipartiment tal-Malti, Fakultà ta' l-Arti, l-Università, l-Imsida.


STATUT TAL-GHAQDA TAL-MALTI (UNIVERSITÀ).

Ghan (Skop). Din l-Ghaqda mwaqqfa biex tħarreġ l-istudenti fil-kitba tal-Malti, biex ixxerred il-kitba u l-qari tajjeb tal-Malti u biex iżżomm dejjem gholi ġieħ il-Lsien Malti

Isem. Isem l-Ghaqda jkun "Ghaqda tal-Malti (Università)"

Dħul. Jista' jidħol fil-Ghaqda kull min hu, jew kien, marbut mal-Università bit-taghlim, jiġifieri studenti, nies tal-professjoni, [illegible]. Id-dħul isir b'talba bil-miktub maghmula lis-Segretarju u mghoddija mill-Kumitat. Il-Kumitat jista' ma jilqâx it-talba u jista' ukoll ikeċċi mill-Ghaqda dawk l-imsiħin (li ma jħabirkux ghal-ġid tal-Ghaqda jew) li jagħmlu ħsara lill-Ghaqda.

Kumitat. Il-Ghaqda tkun immexxija minn kumitat ta' sebgħa, jiġifieri President, Segretarju, Kaxxier u erba' membri. Ir-Rettur tal-Università ikun dejjem mistieden biex ikun il-President onorarju kemm idum fl-ufficcju tiegħu.

Il-Kumitat jaghżel il-jedd idaħħal imsieħbin godda u jaqta' l-imsieħbin [illegible] [illegible], jħaqqaq il-gemgħa tal-imsieħbin u jfisser ir-regolamenti meta jinqala' xi tweghir.

Il-Kumitat jinghażel kull sena (fuq ?)

Laqghat. Darba fix-xahar, kemm jista' jkun, issir laqgħa tal-imsieħbin ~~biex jinqraw~~ ghall-qari tal-kitba taghhom. Is-Segretarju għandu ikun imgħarraf bil-kitba li sa tinqara, għallinqas erbat ijiem qabel. Dawk l-imsieħbin li ma jgħux imqar għal erba' laqghat [illegible] jitneħħew.

Lehen il-Malti. Il-Ghaqda toħroġ ktieb kull xahar bl-isem ta' Lehen il-Malti u, jekk ikun jista', kotba oħra għat-tagħlim tal-Malti).

(minn [illegible] ?)

Abbozz ta' Statut tal-Ghaqda tal-Malti (Università) minn id Saydon